# KULLEĠĠ T'GĦAWDEX

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

**Is-Sitt Sena** **MALTI KITBA** **Ħin: Siegħa u kwart**

## Karta tal-Istudent/a

Isem u Kunjom: ______________________________

Klassi: ______________________________

**Aqra sew is-silta TAGĦLIMA F'WAQTHA** *(Il-Paġni ta' Tanja – Sagħtar 2005)*

Mela fil-vaganzi tal-Milied kienet ġejja n-nanna Ħilda mill-Awstralja, biex toqgħod għandhom. Il-mama' taha ferħ ta' ġenn, l-iżjed għax in-nanna ma kinitx ommha, iżda l-kunjata, ġejja għall-ewwel darba Malta. Ippreparat timpani, torti, sopop, zlazi u ġelati, tant li bilkemm setgħu joqogħdu fil-kaxxa tas-silġ. Missier Geraldine ġibdilha saqajha u qalilha li għall-Milied kien se jixtrilha friżer oħra bħal dawk tas-supermarket. **(par 1)**

Il-jum ta'qabel ma waslu, lil Geraldine daħlilha x-xogħol. Ommha qaltilha li sakemm hi tmur tara ssibx ftit tonn frisk mis-suq tal-Belt, hi kellha tfarfar kull m'hemm. "Iss ħej," qaltilha hi, "jien ippretendejt li l-aħħar ġurnata se tkun relax, biex in-nanna ma ssibniex bla saħħa.""Tarax ħej," widdbitha ommha, "bħallikieku jien mhux ilsieni barra. " Ma ċeditilhiex, allavolja kellha logħba ġdida li riedet tippruvaha. Waslu għall-kompromess – meta tfarfar minn fuq s'isfel, tilgħab, imqar s'għada filgħodu. U telqet. **(par 2)**

Geraldine rraġunat li la tkun marret il-Belt, ommha ddum xi tliet sigħat, għax kif tkun hemm, iddur il-ħwienet u tgħaddi għand in-nanna l-oħra, in-nanna Frida. Allura skont hi, ma jkun fiha xejn billi tilgħab xi ftit, u tagħmel l-iżverjalin għal siegħa wara, u mbagħad, terħilha tfarfar bħar-Road Runner. Imma l-logħba ma kinitx fejn ħallietha. Tqalleb 'l hawn u tfittex 'l hinn, iżda l-imbierka logħba ma sabithiex. "Żgur ħbithieli;" gergret. U baqgħet tfittex sakemm daqq l-iżverjalin. Issuppervjat u marret f'kamritha taqra. **(par 3)**

Ommha ġiet ftit wara, ġiet malajr biex tagħmel l-aħħar irtokki fid-dar. "Tittrattani ta' tarbija, għalfejn ħbejtli l-logħba!" għajtet. Ommha bil-kalma kollha, urietha l-kexxun fejn kien hemm il-biċċiet tat-tfarfir. Geraldine resqet lejn il-kexxun u fetħitu. Hemm kienet il-logħba. U kien hemm nota mwaħħla magħha. "*Għażiża binti, jien naf li int matura biżżejjed biex din ma tmisshiex sakemm tfarfar... Inħobbok ħafna, il-mama'.*" **(par 4)**

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet. Ikeb sentenzi b'Malti tajjeb.**

1. Agħti raġuni **waħda** għaliex il-mama' kellha ħafna xogħol. **(par 1)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(marka)**

2. Semmi **tliet** affarijiet li l-mama' lestiet minn kmieni. **(par 1)**

a.______________ b. ______________ċ. ______________ **(3 marki)**

3. X'kienet iċ-ċajta li qal il-missier? **(par 1)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(marka)**

4. X'kellha tagħmel Geraldine waqt li ommha tmur il-Belt? **(par 2)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(marka)**

5. X'kien il-ftehim li waslu għalih meta Geraldine gergret? **(par 2)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(marka)**

6. In-nanna Ħilda kienet tgħix l-Awstralja. X'kien jisimha u fejn kienet toqgħod nannitha l-oħra? **(par 3)**

________________________________________________________ **(2 marki)**

7. Ikteb **tliet** raġunijiet biex turi li Geraldine kienet tifla ***għażżiena.***

a. ______________________________________________________________

b. ______________________________________________________________

ċ. ______________________________________________________________

**(3 marki)**

8. **Mis-silta *Tagħlima f'Waqtha* sib l-espressjoni li tfisser:**

a. ħassitha mifxula **(par 1)** ________________________

b. iċċajtha biex jinkiha **(par 1)** ________________________

ċ. għandi ħafna xogħol **(par 2)** ________________________

d. ftehmu bejniethom **(par 2)** ________________________

**(4 marki)**

9. **Għal min qed tirreferi l-parti tal-kelma miktuba b'sing taħtha?**

a. *"Tarax,ħej" widbitha omm__ha__.* **(par 2)**

Il-parti tal-kelma __ha__ qed tirreferi għal ________________.

b. *Imma l-logħba ma kinitx fejn ħalliet__ha__.* **(par 3)**

Il-parti tal-kelma __ha__ qed tirreferi għal-________________.

ċ. *Geraldine resqet lejn il-kexxun u fetħit__u__.* **(par 4)**

Il-parti tal-kelma __u__ qed tirreferi għall-________________.

d. *Inħobbo__k__ ħafna, il-mama'.* **(par 4)**

Il-parti tal-kelma __k__ qed tirreferi għal ________________.

**(4 marki)**

10. **Ikteb VERU jew FALZ.**

a. In-nanna Ħilda kienet il-mama' tal-papa'. ___________

b. Omm Geraldine kienet tħobb kollox ordnat. ___________

ċ. Kieku obdiet, Geraldine kienet issib il-logħba. ___________

d. Geraldine kienet qalbha tad-deheb. ___________

e. Omm Geraldine kienet titrattha ta' tifla żgħira. ___________

**(5 marki)**

**B. Imla l-vojt bl-espressjoni li tagħmel sens.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**

Wara nofsinhar il-papa' wasal mix-xogħol **<u>għajjien</u> <u>mejjet</u>.** Poġġa fuq is-sufan biex jistrieħ, imma ma damx! Il-mama qaltlu bl-istorja ta' Geraldine. Wiċċ Geraldine sar __________ __________ bil-mistħija. Taha twiddiba kif imiss u malajr meddet għonqha għax-xogħol. Fil-kamra tagħha, poġġiet kollox f'postu u l-kamra ġabitha __________ __________. Lestiet barmil ilma __________ __________ biex tgħin lil missierha jaħslu lill-kelb li kien __________ __________ bil-ħmieġ. Imbagħad saqqew il-ġnien għax kollox kien __________ __________ bil-għatx!



**Ċ. Ikteb il-kelma skont l-<u>GĦERQ.</u>**
**L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**



In-nanna Ħilda **<u>waslet</u> (w-s-l)** Malta ġimgħa qabel il-Milied. Kulħadd __________ **(f-r-ħ)** ħafna biha. Matul il-ġimgħa, in-nanna, il-mama' u Geraldine __________ **(għ-m-l)** il-qagħaq tal-għasel. Tgħidx kemm ħadet gost in-nanna, meta __________ **(m-w-r)** jaraw il-presepji. In-nanna u Geraldine għaddew ħafna ħin __________ **(l-għ-b)** bil-pasturi, għax in-nanna għandha ħafna paċenzja. Tgħidx kemm kienet tieħu gost Geraldine meta n-nanna kienet __________ **(k-l-m)** magħha fuq il-Milied fl-Awstralja!

**D. Agħti l-<u>PLURAL</u> tal-kliem li hemm miktub fil-parentesi. L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**

Geraldine u l-mama' ħasbu għar-**<u>rigali</u> (rigal)** li kienu se jibagħtu lill-kuġini man-nanna Ħilda. Xtraw  żewġ __________ **(karozza)** lil Daniel u lill-__________ **(tifla)** xtrawlhom pupa titkellem. Ħasbulhom ukoll għal xi __________ **(lapes)** bir-ritratti ta' Malta fuqhom. Lil Angelo lestewlu sett __________ **(bolla)** tat-tempji u lil Marija xtrawlha par __________ **(misluta)** bis-salib ta' Malta.



**E. Immaġina li ltqajt ma' aljen mill-ispazzju. <u>Iddeskrivi</u> (għid kif kien jidher) lil dan l-aljen f'paragrafu qasir ta' madwar 5 sentenzi. Agħmel użu tajjeb tal-aġġettivi.**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(5 marki)**

**F. Il-klassi ta' Geraldine, tas-sitt sena, kellhom iħejju poster dwar l-importanza li jieħdu ħsieb l-ambjent.**

**Għinhom jimlew il-vojt bil-verbi fl-IMPERATTIV (kmand) mill-mamma. L-ewwel waħda lesta.** **(5 marki)**

**TFAL,** ejjew naħdmu flimkien għall- ambjent aħjar!

**<u>Ġibu</u> (ġab)** l-qsari biex nagħtu ħajja lill-klassijiet u lill-kurituri. Darba fil-ġimgħa, __________ **(ħaseb)** biex tagħtuhom l-ilma. Meta tużaw l-ilma, __________ **(ħalla)** il-vit iqattar. __________ **(għamel)** il-kompjuters, standby meta tkunu ser tużawhom aktar tard. __________ **(tefa)** d-dawl meta m'għandkomx bżonnu u __________ **(kien)** minn tal-ewwel biex tisseparaw l-iskart u tagħmlu l-kompost.



***Ejjew naħdmu id f'id***

## Ġ. Imla skont kif meħtieġ.
**L-ewwel waħda lesta.** **(10 marki)**

| | |
|---|---|
| 1. In-nanna tat <u>ir</u>-rigali lit-tfal. | *Poġġi l-artiklu man-nom.* |
| 2. Geraldine tħobb taqra ħafna. *'Dwal fil-Fortizza'* ta' *T.Zahra* hu __________ ktieb li qrat. | *Is-superlattiv tal-aġġettiv* ***sabiħ*** |
| 3. In-nanna u Geraldine __________ ħafna ħin jitkellmu flimkien. | *Verb fil-passat bl-għerq* ***q-t-għ*** |
| 4. Geraldine __________ tħobb tmidd idejha għax-xogħol tad-dar. | *In-negattiv tal-verb* ***kienet.*** |
| 5. Il-logħba kienet __________-kexxun. | *Daħħal il-partiċella* ***fi*** *mal-artiklu.* |
| 6. Fil-Milied, in-nanna dejjem __________ serduk mimli. | *Verb fil-preżent bl-għerq* ***s-j-r*** |
| 7. Il-libsa li kelli s-sena l-oħra kienet __________ minn din li għandi issa. | *Agħti l-komparattiv tal-aġġettiv* ***twil.*** |
| 8. Geraldine tat rigal __________ ġenituri tagħha. | *Poġġi l-partiċella* ***lil*** *imqassra.* |
| 9. In-nanna żaret il-m__ż__w__j__t tal-_storja. | *Daħħal il-vokali fil-vojt.* |
| 10. Żaru l-presepju __________ ' Betlehem f'Għajnsielem' u ħadu ħafna ritratti. | *Oħroġ aġġettiv min-nom* ***Għawdex.*** |

**G. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Ikteb Malti tajjeb u uża l-paragrafi. Żomm dejjem mas-suġġett.**

**Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija.** **(25 marka)**

1. **Mit-tieqa ta' kamarti.**

   (Tkellem dwar x'tara, x'tisma'... mit-tieqa ta' kamartek)

2. **Smajt xi passi fuq il-bejt tad-dar. Ħriġt nara x'ġara!**

   (Kont waħdek? X'sibt meta ħriġt tara? Irrakkonta l-ġrajja ...)

3. **Ikteb ittra lill-ħabib/ħabiba tiegħek tal-Ingilterra biex tgħidilha dwar xi attivita' li kellkom ma' tal-iskola.**

   (X'attivita' kienet? Kienet l-iskola jew f'post ieħor? X'għamiltu? Għaliex kienet interessanti?)

4. **Il-bżonn li nkunu b'saħħitna.**

   (X'irridu nagħmlu biex inkunu b'saħħitna? Irridu nagħmlu eżerċizzju? Irridu nagħżlu l-ikel li nieklu? Għandna bżonn arja tajba u ambjent nadif?)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________